MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Numru. 594/2001

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J. GATT
VS
RICHARD JOHN CHARLES CUSCHIERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard John Charles Cuschieri, ta’ 28 sena, bin Saviour u Josephine Sant, imwieled l-Awstralja fil-25 ta’ Gunju 1973, u residenti Dwejra, Limiti tax-Xwieki, Iklin, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 481789(M), u akkuzat talli fl-Imsida, fis-27 ta’ Settembru 2001, ghal habta tad-disgha ta’ filghodu:

(a) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, li jappartjenu lil kumpanija Guard and Warden Service House Ltd, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara huwa izjed minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan ghad-detriment tal-istess kumpanija Guard and Warden Service House Ltd;

(b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Warden Jacqueline Muxi, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
(c) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wahda nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallihiex jew fixkilha waqt li kienet taghmel id-dmirijiet taghha jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirha billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor jkun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;
(d) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, saq vettura numru KAQ919 b'manjiera traskurata u bla kont;
(e) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza;
(f) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'sewqan aktar milli jmissu;
(g) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 3 ta' Lulju 2001, moghtija mill-Magistrat Dr. S.Demicoli LL.D., fis-6 ta' Mejju 1994 Awla D, u fit-2 t'April 1993 Awla 12, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, a fol 15, u tal-imputat, a fol 11, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', u s-seba' akkuza.

Rat illi fil-mori tal-kawza, l-imputat hallas is-somma ta' tlett mija u disa' u ghoxrin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (Lm329.87) skond l-ircevuta dokument SGX.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-uniku zewg akkuzi illi ma gewx ammessi f'dan il-kaz huma dawk ta' sewqan b'manjiera traskurata (akkuza d), u sewqan b'manjiera perikoluza (akkuza e).

Illi mix-xhieda kollha prodotta, b'mod specjali ghax-xhieda ta' Jacqueline Muxi, a fol 31 et seq, jirrizulta illi l-Warden kienet qeghda mal-genb tal-karozza, u allura meta saq l-imputat, certament ma setghetx tintlaqat minnu. Muxi pero' xehdet illi dak il-hin l-imputat kien irrabjat.

Ghar-rigward tal-manjiera tas-sewqan, gie stabbilit, a fol 43 u 44, hemm dubju kienx hemm vetturi quddiem dik tal-imputat:

**'Niftakar kien hemm vettura. Imma wisa' kien hemm minn fejn johrog mhux liberament…**
**Allura kif seta' jsuq b'velocita' jekk kien hemm vettura quddiemu?**
**B'tali mod li hareg hekk u jien qbadt u warrabt mill-ewwel. Jien ma nkunx naf hekk…**
**Meta saq telaq dan jew wehel fit-traffiku quddiemu**
**Le, baqa' ghaddej niftakar.'**

Lanqas mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Gatt (a fol 55 et seq), ma jirrizulta illi kien hemm xi sewqan perikoluz jew traskurat da part ital-imputat, skond ma rrapurtatlu l-Warden Muxi.

Illi l-Qorti ghar-rigward tal-ahhar akkuza, rat illi l-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza fil-konfront tal-imputat, wisq anqas ma sar prova tal-identita'.

Ghaldaqstant, fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi a, b, c, d u g, u wara li rat l-Artikli 325(b), 95 u 96(a) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 127 tal-Motor Vehicle Regulations Legal Notice 128 tal-1994 kif emendata, tikkundannah ghal sitt

xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Din il-piena qed tinghata in vista tal-fedina penali tal-imputat, u in vista tal-fatt illi fil-mori tal-kawza l-imputat hallas ghall-hsara kollha li wettaq fuq l-apparat tal-Warden.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------